HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

Il Ħdax il-Sena Nru. 65 | HAL BALZAN | Ottubru/Diċembru 1983

EDITORJAL

L-AHHAR XHUR TAS-SENA

Meta jibda Ottubru l-Ħarifa tkun ġa bdiet il-mixja qasira tagħha. Biddilna l-ħin tas-sajf. Il-ġranet qsaru sewwa. Spiċċaw il-vaganzi u t-tbaħrid tal-baħar u qbadna ħajja differenti minn dik tas-sajf. Ħallejna l-post tal-villeġġjatura u nġbarna fil-belt jew raħal fejn ngħaddu l-biċċa l-kbira tax-xhur tas-sena medhijin fil-ħidma tagħna sew irġiel sew nisa sew tfal. Il-mara tad-dar għandha x-xogħol tagħha. Dmirha hu li tieħu ħsieb id-dar fejn tgħammar il-familja tagħha. Hi tagħmel dak kollu li hemm bżonn fid-dar: tnaddaf, taħsel, issajjar u tant ħwejjeġ oħra. Tagħmel dak kollu li jenħtieġ biex tagħmel il-membri tal-familja hienja u kuntenti u żżomm il-paċi fid-dar! Xogħol li ma hu xejn ħafif billi jkollha tistudja u tifhem in-natural ta' kull wieħed u waħda tal-familja.

Ir-raġel ukoll għandu x-xogħol tiegħu. Dan iqatta' ħin twil fil-post tax-xogħol sew jekk bin-negozju, sew jekk f'uffiċċju sew f'xi ħanut jew x'imkien ieħor fejn tenħtieġ ħidmietu. L-għan tiegħu hu l-għajxien tal-familja li tiddependi minnu.

F'Ottubru t-tfal ikunu għadhom kemm inġabru fl-iskejjel tagħhom biex iżidu fit-tagħlim li diġa' għandhom. Il-biċċa l-kbira tagħhom isibu rwieħhom fi klassi għolja, għalhekk ikollhom jaħdmu iżjed mis-sena ta' qabel. Oħrajn ħallew l-iskola primarja u marru fi skola sekondarja u oħrajn komplew ukoll l-iskola terzjarja. Dawn naturalment għamlu l-proponimenti tagħhom għas-sena skolastika li għadhom kemm bdew. Tajjeb għalhekk li dawn il-proponimenti jwettquhom għall-ġid tagħhom stess. Dan ix-xahar kellu final sabiħ ħafna għal xi tfal subien u bniet tal-parroċċa tagħna. Fl-aħħar Ħadd, 30 ta' dan ix-xahar, tnejn u sebgħin tifel u tifla rċevew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Ġrajja li tniżżlet fl-istorja ta' ħajjithom b'ittri tad-deheb.

Fil-bidu ta' Novembru l-qniepen isemmgħulna l-leħen monotonu tagħhom biex ifakkruna fil-mejtin tagħna. Ma' tul dan ix-xahar kulħadd jiftakar fl-għeżież tiegħu li ħallew dan il-wied tad-dmugħ. Bosta huma dawk li fl-Għid ta' l-Imwiet iżuru ċ-ċimiterju fejn jinsabu midfuna qrabathom biex jitolbu għall-mistrieħ ta' ruħhom kif ukoll biex iżejnu bi fjuri sbieħ l-oqbra fejn jinsabu l-fdalijiet ta' dawk li issa m'għadhomx magħna. Dawn jixegħlu wkoll xemgħat b'qima lejhom. Drawwiet tassew sbieħ li għandna nżommuhom u ngħadduhom liż-żgħar tagħna biex huma wkoll jidraw inisslu fihom rispett lejn dawk li għada pitgħada jħallu did-dinja biex jingħaqdu mal-qtajja ta' l-erwieħ tad-dinja l-oħra.

Novembru għandu wkoll dak li nsejħulu s-sajf ta' San Martin. F'daż-żmien tiġi wkoll il-festa ta' dan il-qaddis. Miegħu jitfaċċa t-tin, ġewż, ġellewż u qastan. Għalkemm illum mhux daqs l-imgħoddi, għadna naraw xi tfal bil-boroż f'idejhom.

Fl-aħħar jasal Diċembru. Fil-jiem bikrin ta' dan ix-xahar jieħdu posthom fil-vetrini tan-negozji l-pasturi, ħafna ġugarelli u rigali oħra biex igħidulna li qed joqrob il-Milied, festa ta' paċi, hena u ferħ. Festa li tgħaqqad flimkien il-familji kollha kull fejn jinsabu. Il-Milied inissel ferħ kbir fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna. Iġib il-paċi saħansitra bejn l-għedewwa, bejn dawk li jkunu fil-ġlied u dawn ukoll jieqfu mill-ġlied u jieħdu b'idejn xulxin.

Fil-ġranet ta' qabel il-Milied kulħadd iħejji ruħu għal dawn il-jiem sbieħ. Il-mara tad-dar tħejji ruħha għal din il-festa. Taħseb minn kmieni għall-kejk tal-Milied u tlesti l-ħelu tradizzjonali ta' dawn il-ġranet, b'mod speċjali l-qagħaq tal-qastanija. Erħilha mbagħad iżżejjen id-dar mill-aħjar li tista'. It-tfal ukoll jagħtu daqqa t'id. Dawn jagħmlu l-presepju u jżejnu s-siġra tal-Milied bi dwal ta' ħafna lwien, kif ukoll iżejnu b'karti u bżieżaq ta' kuluri differenti il-post fejn il-familja tinġabar f'dawn il-jiem. L-ibliet u l-irħula wkoll jiżżejnu għal din il-festa. Malta f'dan ix-xahar tfakkar "Jum ir-Repubblika". Fost attivitajiet oħra jsir ħafna tiżjin għal din l-okkażjoni u dan it-tiżjin jibqa' wkoll ma' tul il-ġranet tal-Milied.

MAGISTRAT GDID

Dr. Albert Borg Olivier de Puget ingħata l-ġurament bħala Maġistrat mill-President tar-Repubblika nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru 1983. Iċ-ċerimonja saret il-Palazz il-Belt fil-preżenza tal-President is-Sinjorina Agatha Barbara, Dr. Joe Borg, Acting Attorney General, Dr. Victor Borg Grech, Court Registrar u s-Sur John Lanzon, Segretarju tal-President.

Dr. Borg Olivier de Puget li joqgħod Ħal Balzan, twieled fil-belt Valletta fil-15 t'April 1932. Studja fil-Kulleġġ San Alwiġi u wara fl-Università Rjali ta' Malta minn fejn ħa l-lawrja ta' avukat fl-1958. Huwa kien iċ-Chief Whip ta' l-Oppożizzjoni bejn l-1971 u l-1974 kif ukoll Shadow Minister tal-Commonwealth u Foreign Affairs. Kien Shadow Minister mingħajr Portfolio fl-1976 u Shadow Minister tat-Turiżmu bejn l-1977 u l-1981. Fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali ta' Diċembru 1981 ma ġiex elett.

Dr. Borg Olivier de Puget kien xi darba jew oħra membru tal-Consultative Assembly and Political Affairs Committee tal-'Kunsill ta' l-Ewropa u Viċi President tal-Grupp Demokratiku tal-Kunsill ta' l-Ewropa, membru Comite' Directeur, Għaqda Ewropea tad-Demokratiċi Kristjani, Viċi President tal-Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Istudenti, President tal-Moviment Żgħażagħ Nazzjonalisti, membru tal-Kunsill ta' l-Università ta' Malta u tal-Board of Governors tal-Malta College of Arts, Science and Technology u membru tal-Malta Atlantic Association. Hu viċi president tas-Soċjetà Filarmonika La Valette.

Dr. Borg Olivier de Puget ħa parti f'diversi delegazzjonijiet Parlamentari f'konferenzi u simposia barra minn Malta, fosthom il-konferenzi Parlamentari tal - Commonwealth fl-1975 u fl-1978. Nifirħulu u nixtiequlu suċċess fil-kariga ġdida tiegħu ta' Maġistrat.

Superjur Generali gdid ghas-Socjeta' tal-MUSEUM

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Lulju, fl-Auditorium tad-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fil-Blata l-Bajda, saret l-elezzjoni għat-tlelet Superjur Ġenerali ta' din is-Soċjetà, imwaqqfa fil-gżira tagħna fl-1907 bi grazzja speċjali tas-Sinjur Alla, li nqeda bis-saċerdot qaddis Dun Ġorġ Preca. Din l-elezzjoni saret wara l-mewt ta' malajr tas-Superjur Ġenerali Francesco Saliba, li ħalla din il-ħajja nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju.

Is-Superjur Ġenerali l-ġdid huwa s-Sur Victor Delicata li, tista' tgħid, il-Balzanin kollha jiftakruh billi dam Superjur tal-Qasam tal-Museum ta' Ħal Balzan mill-1952 sal-1980. Is-Superjur Delicata huwa bniedem ta' ħeġġa u dedikazzjoni kbira, li sewa ta' ġid kbir lis-Soċjetà u issa, nittamaw f'Alla, jiswielha ta' ġid akbar fil-kariga ġdida li jinsab fiha. Bħala Superjur Ġenerali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni u t-tmexxija kollha tas-Soċjetà, kemm f'Malta kif ukoll barra. Il-ħatra uffiċjali tiegħu saret f'ċerimonja solenni, immexxija minn Mons. Lawrenz Gatt, Assistent Ekkleżjastiku tas-Soċjetà tal-Museum, li saret fl-istess Auditorium nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju.

Lis-Superjur Ġenerali l-ġdid nifirħulu, nixtequlu kull ġid u barka tas-sema, saħħa, għaqal u għomor twil ta ħidma bla waqfien fi ħdan is-Soċjetà tal-Museum, għall-akbar glorja ta' Alla u għall-ġid tal-Knisja f'pajjiżna u kull fejn il-Mulej jogħġbu jibgħat is-Soċjetà. Inwegħduh ukoll li nitolbu għalih.

Fl-istess ħin nagħmlu tajjeb ukoll li niftakru fis-Superjur Ġenerali Francesco Saliba, li wkoll kellu għal qalbu ħafna l-Qasam tal-Museum ta' Ħal Balzan. Ta' min ifakkar li l-aħħar konferenza tiegħu fil-pubbliku qabel ma l-Mulej sejjaħlu kienet dik li għamel f'Ħal Balzan nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, fuq iz-zuntier tal-Knisja, bħala parti mis-Sajda Museumina li għamilna biex infakkru għeluq is-sittin sena mill-ftuħ tal-Museum f'Ħal Balzan.

F'ħafna postijiet f'Malta ssir il-Purċissjoni tal-Bambin mill-Għaqda Museumina. It-tfal bi ħġarhom jieħdu sehem f'dawn il-purċissjonijiet. Il-kbar mill-banda l-oħra, jistennew bil-ħerqa dan l-avveniment u bosta huma li jimxu wara Ġesu Bambin biex jisimgħu b'attenzjoni kbira l-priedka minn tifel ċkejken.

Bla dubju ta' xejn il-qofol ta' dawn il-festi hi l-quddiesa ta' nofs il-lejl, li għaliha numru kbir ta' nsara jimlew il-knejjes tagħna minn ħin qabel, biex jieħdu parti fil-velja ta' dan il-lejl qaddis.

Jalla l-paċi li tnissel fina din il-festa tibqa' magħna ma' tul is-sena ġdida kollha.

J. GIORDIMAINA WRESTLER OF THE YEAR

Jesmond Giordimaina, Wrestler Internazzjonali li jattendi l-iskola sekondarja ta' Umberto Calosso u li hu ċ-champion preżenti tat-68 Kg. Federal Wrestling, kien ir-rebbieħ ta' l-1982-83 Wrestling of the Year Award.

Din hija t-tieni sena konsekuttiva li dan ir-wrestler żagħżugħ rebaħ dan it-titlu. Irridu ngħidu wkoll li Jesmond kien rebaħ dat-titlu fl-1977-78 u fl-1978-79. Għalhekk ix-xahar id-dieħel Giordimaina ser jiġi ppreżentat l-Old Spice Challenge Trophy f'dinner dance li fih se ssir iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni.

Inżidu ngħidu li din id-darba ma kenitx ħaġa ħafifa għal Jesmond li jżomm dat-titlu, billi kellu jikkumbatti ma' wrestler ieħor żagħżugħ li jipprometti ħafna f'dan l-isport, li spiċċa fit-tieni post, b'punt wieħed biss taħt Jesmond.

Nifirħu ħafna minn qalbna lil Jesmond, żagħżugħ wild raħalna, u nixtiqulu suċċessi akbar fil-qasam ta' l-isport favorit tiegħu.

"ĦAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Ħamrun.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-Ħajja Nisranija
Brian Graham
Manrico Abela
Matthew Mallia
Elizabeth-Mary Quintano
Anette Borg
Glenn Mizzi
John Bugeja
Raylene Vella
Marie Clare Borg

Iffurmaw familja ġdida
Martin Camilleri ma' Simeona Bonanno
Christino Calleja ma' Carmela Borg
Anthony Aquilina ma' Doris Borg
Carmelo Iemolo ma' Rose Muscat

Għaddew għall-ħajja bla tmiem
Sister Clementina Pace
Josephine Pace
Marianna Camilleri
Emanuel Galea
Joseph Muscat

IL-PITIRROSS

NIGEL CASSAR

Irfist fuq Malta wara titjira twila ħafna mill-Ewropa. Bla ma tlift ħin ridt insib post kenni li nkun nista' nagħmlu dari. Sibt siġra żgħira, li kienet tidher żdingata minn kwalunkwe għasfur ieħor. Kienet Rummiena u ddeċidejt li nagħmilha d-dar tiegħi u ngħix fiha waqt din il-mawra tiegħi fuq il-gżira ta' Malta.

Għaldaqstant tant sirt ngħożżha din ir-Rummiena tiegħi illi saħansitra kont lest li nitlef kull rixa ta' ġismi biex niddefendiha. Ta' sikwit kienu jiġu għasafar oħra jippruvaw jeħduha bħala d-dar tagħhom, iżda bil-kuraġġ kollu li kelli kont ingerrixhom, kont nibda nsaffar tisfira ta' twissija u dejjem irnexxieli nnaffarhom.

Kienu jiġu ħafna pitirrossi oħra bħali biex jeħduhieli, iżda kont nispiċċa ntir warajhom sa ma nkeċċihom. Kont niġġieled biex niddefendi d-dritt tiegħi. Jum fost oħrajn, waqt din il-mawra qasira tiegħi f'Malta, qomt filgħodu ma' sebħ il-jum, u taħt ir-rummiena tiegħi nara pitirross ieħor qiegħed jiċċassa lejja minn fuq zokk. Bil-ħsieb li ngerrxu mit-territorju tiegħi, tirt minn fuq iz-zokk lejn id-direzzjoni tiegħu. Iżda wara biss ftit sekondi li missejt ma' fergħa ta' zokk li kienet qiegħda preċiż quddiem dan il-pitirross, smajt tisbita u nħsadt. Bil-biża' li waqa' fuqi tirt fil-pront minn fuq iz-zokk iżda... ma stajtx intir aktar, kont tħabbilt ġo xibka, iva raġel inqeda b'ħija biex tpaxxa hu u qabadni. Ħelisni minn dik ix-xibka li kont imħabbel fiha u tefagħni ġo ħabs, tefagħni ġo gabjetta żgħira mdawra sew bil-fildiferru.

Issa ninsab hawn ġew imsakkar lanqas nista' niftaħ il-ġwienaħ, ma nistax intir aktar, ma nistax niġri wara nsetti biex niekol, ma nistax insaffar. Ma fadalli xejn aktar f'ħajti. Tlift kollox.

U dan il-bniedem hekk krudili, x'inhu jieħu minni? Narah darba kull jum; jiġi jtini ftit ikel u ilma. Biex isabbarni, mingħalih, isaffarli żewġ tisfiriet irqaq, iżda jien nibda naqbeż u nagħti mal-fildiferru bil-biża' li jaqa' fuqi.

Minn Malta kelli ħsieb nibqa' sejjer iżjed 'l isfel biex nasal f'xi pajjiż mill-Afrika ta' Fuq. Qabel tibda sew ir-rebbiegħa kont bi ħsiebni nirritorna lejn pajjiżi biex inbejjet. Issa dawn saru illużjonijiet li jibqgħu jidwu f'moħħi sal-ġurnata li mmut.

Minn tieqa żgħira li hawn ħdejn il-gaġġa tiegħi nista' nara ħafna ġonna. Jiddhru siġar sbieħ jixxejru mar-riħ. Kultant meta tagħmel ix-xita nibda niftakar fiż-żmien li kont għadni ħieles. Kont nieħu gost f'dik il-kesħa u nfarfar l-ilma tax-xita li jaqa' fuqi.

Ta' kull jum nisma' t-tisfir ta' agħsafar kuntenti, ferħanin għax fuq kollox huma ħielsa. Meta nismagħhom isaffru nimtela bl-għira, għax naf li jien ma nistax insaffar ħlief għax inkun imdejjaq.

Għax PITIRROSS, kelli nsib ruħi f'din is-sitwazzjoni bla skop ta' xejn, bla futur, biex nissodisfa mentalità ta' bniedem bla raġuni ta' xejn lejna l-agħsafar. Bniedem li ma jifhimx kemm l-agħsafar huma isbaħ barra jtiru milli ġo gaġġa msakkra.

IL-MILIED F'GĦAJNEJN TFAJJEL

John C. Micallef Moreno

Il-Milied għalija huwa l-isbaħ festa. Sa minn jiem qabel nibdew nippreparaw l-innijiet tal-Milied kemm fl-iskola kif ukoll il-Museum. Jiena nħobb immur dejjem il-Museum imma l-iktar li nieħu gost huwa f'dawn il-granet. It-tfal il-kbar jistudjaw il-play tal-Milied u aħna nistudjaw il-kant tal-Milied.

Meta jibda jersaq il-Milied, id-Daddy u l-Mummy jżejnu d-dar. Jien u oħti Imelda nżejnu l-kamra tagħna b'ħafna karti u bżieżaq u ngħinu d-Daddy jagħmel il-presepju. Il-Mummy tagħmel il-Christmas Tree imma ma tkunx trid li ngħinuha għaliex tgħidilna li huwa perikoluż li t-tfal imissu l-Christmas Tree għaliex ikun hemm id-dawl elettriku. Ma nafx kif ser nagħmlu din is-sena għaliex Paquita għadha kemm bdiet timxi u dik tmiss kollox.

Jiena nieħu ħafna gost meta nibdew nirċievu l-Christmas Cards. Is-sena l-oħra jiena rċevejt ħamsa; naħseb li din is-sena nirċievi iżjed. Il-Christmas Cards nagħmilhom jien billi fuq quddiem inpinġi xi xena tal-Milied u ġewwa nikteb ix-xewqat.

Ftit jiem qabel il-Milied, jiġifieri ftit jiem qabel jibdew il-vaganzi tal-Milied, l-iskola jkollna l-party u s-sister tagħtina xi rigal żgħir. Il-Museum issir play biex jarawha l-ġenituri u wara jagħtuna l-grotta. Is-sena l-oħra domt ħafna ndur infittex l-isbaħ waħda imma wara li mingħalija ħadt l-aħjar waħda sibt, meta mort id-dar, li flok San Ġużepp kelli anġlu.

Lejlet il-Milied noħorġu bil-purċissjoni bil-Bambin ma' tal-Museum. Kulħadd ikun imlibbes sewwa bil-kowtijiet u waqt il-kant kulħadd jipprova jkanta l-aħjar u jgħajjat mhux ħażin. Is-superjur igħid it-talb u jkun hemm il-banda wkoll idoqqu magħna. Is-sena l-oħra kelli ngorr fanal imma f'nofs il-purċissjoni tajtu lil ta' ħdejja għaliex xtaq li jġorru hu wkoll. Matul it-triq kien hemm il-murtali. Kien hemm ħafna turisti li bdew jieħdu r-ritratti. Matul it-triq kien hemm ħafna li kellhom il-Bambin mixgħul fit-tieqa.

Meta wasalna fil-pjazza fejn hemm l-istatwa tal-Madonna, waqafna hemm, kantajna ftit u xi tfal bdew jaqraw poeżiji tal-Milied. Fl-aħħar, kien hemm tifel mill-klassi tal-kbar li għamel priedka. Kienet sabiħa ħafna u n-nies aqta' kemm ċapċpulu meta spiċċa. Qabel komplejna nimxu lura, għamilna lotterija u s-superjur għażilni biex intella' n-numri.

Meta wasalna d-dar id-daddy qalli biex immur norqod għaliex f'nofs il-lejl konna ser immorru l-quddies. La jien u lanqas Imelda ma rqadna u meta morna l-quddies it-tnejn irqadna fil-Knisja. Talli ma obdejniex Father Christmas dam jumejn ma ġabilna r-rigali tal-Milied. Jason, il-kuġin tiegħi, qalli li mhux veru li Father Christmas iġibilna r-rigali. Is-sena li għaddiet ma emmintux 'il Jason, imma llum naħseb li għandu raġun. Għax naħseb li l-Mummy u d-Daddy jġibulna r-rigali.

IL-MILIED U L-ISTRINA

Dawn il-jiem hekk sbieħ iġibu magħhom ferħ u hena fil-qlub ta' kull wieħed u waħda minna u tista' tgħid li jkunu mistennija minn bosta u bosta nies, irġiel, nisa u tfal ta' kull età. Il-ferħ tagħna nuruh f'dawn il-jiem sbieħ billi nagħtu rigal mill-isbaħ lil qrabatna u 'l ħbiebna.

Niftakru biex nagħtu rigal żgħir lill-gazzetta tagħna biex tkompli tagħtina informazzjoni u tagħrif ieħor fuq ĦAL BALZAN TAGĦNA.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem u nixtiequ lil kulħadd SENA MIMLIJA RISQ, HENA U BARKA.

IL-BORD EDITORJALI

1983 - 1984

Għebet.
Spiċċat.
Nibtet u mietet fil-qlub.
Intilfet maż-żmien.
Inħażnet fl-imħuħ.

Tatna l-ħlewwa u l-qrusa
[taż-żmien
u telqet...
telqet biex qatt ma tiġi iżjed.

Ġiet.
Telqet.
Spiċċat.

Bħad-dawl ħamrani
iserrep fuq l-għoljiet
fuq baħar kaħlani
fil-għabex tal-jum,
Hekk int twelidt
biex bħal ta' qablek,
li ndifnet maż-żmien,
tgħallem,
tnissi,
twissi.

It-tama',
Il-għatx ta' kuljum,
li tinbet qalb xewk u għollieq.
titqawwa,
tissaħħaħ,
titkabbar
Biex bħal siġra tal-ballut
tkun tiflaħ għar-riħ, xita u
[ksieħ,
u meta tiġi biex tgħib bħal ta'
[qablek,
li nħallet fiż-żmien,
Inkun raġel mogħni bil-għerf
[taż-żmien.

TEMPUS

SEWQAN KONTRA L-"ONE WAY" HUWA MHUX BISS KONTRA L-LIĠI IMMA NUQQAS SERJU KONTRA ĦAJTEK U DIK TAL-PROXXMU.

TAGĦLIM TAL-MUŻIKA B'XEJN FIL-KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL KULL NHAR TA' TLIETA U NHAR TA' ĠIMGĦA MILL-5.00 p.m. 'IL QUDDIEM.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

L-Istorja tal-Kunjomijiet f'Hal Balzan - (3)

Din id-darba sejrin naraw il-kunjomijiet f'Hal Balzan wara l-aħħar Gwerra Dinjija: fis-sena 1948 u fis-sena 1981, sena li mhix 'il bogħod minna. Dawn iż-żewġ snin għandhom ikunu għalina mera li fiha naraw l-għadd ta' kunjomijiet li daħlu ġodda f'din il-Parroċċa, l-għadd ta' kunjomijiet li żdiedu jew li naqsu jew li spiċċaw għal kollox. Dan l-istudju għandna nagħmluh mhux biss f'dawn iż-żewġ dati, iżda mis-sena 1709 (1) sas-sena 1981.

SILTIET
MILL-ISTORJA
TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Sena 1948
Popolazzjoni 2,637 (2)

Abela 4; Abdilla 1; Agius 10; Anastasi 1; Aquilina · Attard 8; Attard Montalto 1; Axiak 2; Azzopardi 15; Bajada 2; Baldacchino 2; Balzan 1; Bartolo 3; Bastin 1; Bellizzi 2; Bennett 1; Bezzina 1; Bollardini 1; Bonello 2; Bonett 3; Bonnici 4; Borg 33; Borg Carabott 1; Borg Olivier 1; Briffa 10; Brincat 15; Bugeja 2; Buhagiar 5; Busietta 1; Busuttil 3, Buttigieg 2; Cachia 1; Cali 1; Cali Warrington 1; Calleja 6; Callus 4; Camenzuli 1; Camilleri 25; Carbone 1; Carbonese 1; Cardona 4; Caruana 10; Cassar 5; Castillo 2; Catania 2; Cauchi 4; Cesare 1; Cesareo 2; Chetcuti 10; Ciappara 1; Cini 1; Conti 1; Cost Critien 1; Cozzo 1; Cumbo 1; Cuschieri 1; Cutajar 5; Darmanin 6; Debattista 1; Debono 12; Decelis 1; Degiorgio 1; Deguara 2; Delia 1; Demanuele 1; Demarco 1; Demicoli 3; Desira Buttigieg 1; De Wolff 1; Diacono 1; Dingli 3; Doherty 1; Duffy 1; Ebejer 7; Ellul 4; Facciol 1; Falzon 10; Farrugia 8; Fenech 17; Fenech Soler 1; Fiorini 1; Fitzgerald 1; Flamingo 1; Fleri 1; Formosa 2; Frendo 3; Frendo Micallef 1; Friggieri 2; Gabriele 1; Galea 11; Gatt 9; Gauci 5; Gauci Borda 1; Gauci Forno 1; Genovese 1; Gili 2; Giordimaina 3; Guillaumier 1; Gouder 1; Grech 12; Grech Cumbo 1; Grima 5; Gulia 1; Hawkins 1; Iliff Percy 1; Jaccarini 1; Johnston 1; Lapira 1; Lanzon 2; Lia 2; Magri 1; Mallia 10; Mamo 2; Manduca Dei Conti 1; Manduca Zammit 1; Manfre 1; Mangion 1; McCarthy 1; McGill 1; Mejlak 1; Mercieca 2; Micallef 23; Miceli 1; Mifsud 11; Mizzi 3; Mugliett 1; Munro 1; Muscat 24; Nani 1; Nappa 1; Pace 8; Pantalleresco 1; Parnis 2; Pearson 1; Peralta 1; Pirotta 3; Pisani 3; Pizzuto 1; Portelli 2; Psaila 1; Pulis 1; Pullicino 4; Quintano 1; Rosso 1; Said 2; Saliba 2; Sammut 23; Sant 3; Sant Cassia 1; Sant Fornier 2; Saydon 1; Scerri 2; Schaal 1; Schembri 5; Sciberras 5; Scicluna 8; Sciortino 1; Seychell 1; Smith 1; Spiteri 4; Stafrace 1; Stagno Navarra 1; Stellini 1; Stivala 1; Sullivan 1; Tabone 3; Tanti 1; Testa 1; Tonna 1; Torpiano 1; Tortell 1; Valentino 1; Vassallo 7; Vella 11; Virtu 2; Wismayer 1; Xerri DeCaro 1; Xuereb 2; Zahra 2; Zammit 11; Zammit Hammet 1; Zarb 17. (3)

Fis-sena 1948 kien hawn 182 familja b'kunjom differenti. Meta nipparagunaw dan l-għadd ta' kunjomijiet differenti ma' dawk tas-sena 1709 insibu 142 kunjom ġdid, 39 kunjom mill-55 li kien hawn baqgħu l-istess u 16-il kunjom spiċċa.

Il-kunjomijiet li ddominaw fis-sena 1948 kienu: Borg li nsibuh fi 33 familja; warajh insibu l-kunjom Camilleri f'25 familja; insibu wkoll 24 familja li jġibu l-kunjom Muscat. U l-kunjomijiet Micallef u Sammut insibuhom fi 23 familja.

Sena 1981
Popolazzjoni: 3,915 (4)

Abela 11; Abdilla 2; Agius 15; Aloisio 1; Anastasi 1; Aquilina 9; Attard 24; Axiaq 2; Azzilla 1; Azzopardi 20; Bajada 1; Baldacchino 4; Barbara 3; Barbaro Sant 1; Bardon 1; Barthet 1; Bartolo 4; Barry 1; Baxter 1; Bellizzi 3; Bezzina 3; Blackman 1; Bonavia 1; Booker 1; Bonello 12; Bonett 4; Bonnici 17; Bordieri 1; Borg 65; Borg Cardona 7; Borg Galea 1; Borg Olivier 1; Borg St. John 1; Bowman 1; Briffa 10; Brightwell 1; Brincat 15; Bruno 1; Bugeja 6; Buhagiar 11; Buontempo 1; Busuttil 7; Busietta 1; Buscemi Lebrun 1; Buttigieg 6; Cachia 10; Calleja 15; Calleja Urry 1; Callus 5; Camilleri 47; Camenzuli 1; Carabott 1; Carachi 1; Cardona 7; Caruana 21; Cassar 20; Cassar Pullicino 1; Cassar Torreggiani 2; Cassola 3; Castillo 3; Catania 2; Cauchi 6; Cesare 1; Cesareo 2; Chetcuti 13; Chilton 1; Chircop 1; Ciappara 4; Ciancio 1; Ciantar 3; Cilia 3; Cini 1; Cipriott 1; Coldman 1; Coleiro 3; Coleiro Tonna 1; Collins 1; Conrad 1; Coppola 1; Cossey 1; Costa 1; Cost Critien 3; Cordina 1; Craig 1; Cremona 2; Crossey 1; Crocker 1; Cumbo 1; Curmi 2; Cuschieri 5; Custo 1; Cutajar 7; D'Amato 1; D'Anastasi 1; Darmanin 5; Darmanin Demajo 2; Darmenia 1; Darracott Brooke 1; Debattista 6; Debono 15; Decelis 1; Degabriele 3; Degiorgio 4; Degiovanni 1; Deguara 4; Delicata 3; Demanuele 2; Demarco 3; Demicoli 1; Dempster 1; Depasquale 4; Despott 3; Dimech 5; Dingli 4; Doublet 1; Ebejer 7; Ekas 1; Ellul 10; Ellul Grech 1; Ellul Sullivan 1; Enriquez 2; Falzon 15; Farrugia 18; Farrugai Randon 1; Fava 1; Felice 1; Fenech 21; Fenech Clarke 1; Ferry 1; Fitzgerald 2; Frendo 4; Frintz 1; Friggieri 2; Formosa 2; Gafa' 1; Gaffiero 1; Galdes 2; Galea 25; Gambin 2; Gauci 11; Garroni 1; Gatt 20; Gerada 1; German 1; Giordimaina 3; Gollcher 1; Gouder 1; Gove' 3; Graham 1; Grech 22; Grech Cumbo 1; Grech Pillow 1; Griffin 1; Grixti 2; Grixti Soler 1; Grima 4; Gruppetta 1; Gulia 1; Guillaumier 1; Harrison 1; Holland 1; Huber 1; Hyzler 1; Incorvaja 1; Laferla 1; Lapira 1; Lanzon 2; Leeks 1; Lenicker 1; Leone Ganado 2; Leorun 1; Lia 3; Licari 3; Loporto 3; Lowery 1; Lucia 2; Macelli 2; Magri 2; Magro 1; Maistre 1; Mallia 11; Mallia Pulverenti 1; Mamo 5; Mangion 5; Marmara' 1; McCarthy 2; Mea 1; Meilak 3; Melbourne 1; Mercieca 4; Messina Ferrante 1; Micallef 36; Micallef Trigona 1; Miceli 1; Mifsud 18; Mifsud Bonnici 1; Migneco 1; Miller 1; Mison 1; Mizzi 9; Monreal 1; Montebello 1; Muscat 35; Myatt 2; Nappa 3; Naudi 4; Nicholl 1; O'Flalerty 1; O'Neill 1; Pace 18; Pace Axiak 2; Pace Balzan 1; Pace Moore 1; Parascandolo 1; Parnis 2; Pearson 1; Pellegrini 1; Peralta 1; Petroni 3; Pirotta 4; Pisani 4; Podesta 1; Polidano 1; Portelli 6; Pratelles 1; Psaila 2; Pulis 1; Pullicino 5; Quintano 3; Rapa 1; Reginiano 1; Riccardi 1; Riley 1; Rizzo 4; Risott 1; Ruggier 2; Said 4; Saliba 7; Sammut 26; Sant Fornier 1; Sant Portanier 1; Sargent 2; Sarlo 1; Scerri 5; Schembri 9; Schembri Wismayer 2; Sciberras 9; Scicluna 6; Seychell 1; Smith 1; Soler 1; Spiteri 15; Spiteri Debono 2; Spiteri Maemple 1; Stagno Navarra 4; Stagno Navarro 1; Stellini 1; Stivala 1; Sultana 2; Tabone 3; Tagliaferro 1; Tanti 3; Tedesco 1; Testa 1; Titley 1; Tonna 2; Torpiano 1; Troisi 1; Valentino 3; Valenzia 1; Vassallo 14; Vassallo Agius 1; Vassallo Cesarea 1; Vella 27; Vella Bardon 2; Vella Bonnici 1; Vella Briffa 1; Vella Gatt 1; Vella Gera 1; Ventura 1; Vidal 1; Walker 1; Wallace 1; Wannous 1; Warrington 2; Woodhouse Scicluna 1; Zahra 6; Zammit 23; Zammit Gabarretta 1; Zammit Hammet 1; Zammit Marmara 1; Zammit Montebello 1; Zammit Moore 1; Zammit Pace 1; Zarb 10; Zerafa 5; Xuereb 8; Xuereb Archer 1. (5)

Fis-sena 1981 insibu 299 familji b'kunjom differenti. Il-kunjomijiet li narawhom jiddominaw l-aktar huma:

Borg, li nsibu 65 familja li ġġib dan il-kunjom.

Camilleri 47 familja.

Micallef 36 familja.

Muscat 35 familja.

Vella 27; Sammut 26; Galea 25; Attard 24; Zammit 23 u Grech 22. Meta niflu l-medda tas-snin mill-1709 sal-1981 insibu li l-kunjom BORG huwa predominanti.

U biex intemmu dan l-istudju tagħna dwar il-kunjomijiet f'din il-Parroċċa ta' Hal Balzan, ejjew nieħdu dawn il-ħdax-il kunjom u kemm-il familja mis-sena 1709 sal-1981 kienu jġibu wieħed minn dawn.

1709	1719
Borg 19	Borg 21
Camilleri 1	Camilleri 1
Micallef 6	Micallef 2
Muscat 7	Muscat 6
Vella S	Vella 3
Sammut 6	Sammut 6
Galea 6	Galea —
Attard 1	Attard 1
Zammit 4	Zammit 5
Grech 4	Grech 3
Zarb 14	Zarb 14

1729	1739
Borg 24	Borg 20
Camilleri 1	Camilleri 4
Micallef 4	Micallef 4
Muscat 8	Muscat 10
Vella 2	Vella 2
Sammut 7	Sammut 2
Galea 4	Galea 2
Attard 1	Attard 2
Zammit 6	Zammit 9
Grech 3	Grech 3
Zarb 18	Zarb 17

1749	1759
Borg 26	Borg 24
Camilleri 1	Camilleri 2
Micallef 4	Micallef 5
Muscat 9	Muscat 6
Vella 4	Vella 3
Sammut 4	Sammut 3
Galea 1	Galea 2
Attard 3	Attard 2
Zammit 11	Zammit 8
Grech 5	Grech 4
Zarb 17	Zarb 10

1769	1779
Borg 26	Borg 25
Camilleri 1	Camilleri 3
Micallef 6	Micallef 7
Muscat 10	Muscat 12
Vella 4	Vella 1
Sammut 4	Sammut 4
Galea —	Galea 1
Attard 3	Attard 4
Zammit 8	Zammit 7
Grech 3	Grech 3
Zarb 9	Zarb 8

1789	1799
Borg 23	Borg 13
Camilleri 1	Camilleri 1
Micallef 7	Micallef 3
Muscat 11	Muscat 14
Vella 1	Vella 1
Sammut 4	Sammut 3
Galea —	Galea 2
Attard 4	Attard 5
Zammit 6	Zammit 5
Grech 4	Grech 6
Zarb 5	Zarb 6

1809	1819
Borg 16	Borg 19
Camilleri 4	Camilleri 5
Micallef 6	Micallef 4
Muscat 14	Muscat 15
Vella 3	Vella 3
Sammut 4	Sammut 6
Galea 3	Galea 3
Attard 3	Attard 2
Zammit 8	Zammit 7
Grech 4	Grech 6
Zarb 8	Zarb 8

1888	1899
Borg 5	Borg 5
Camilleri 4	Camilleri 9
Micallef 7	Micallef 6
Muscat 12	Muscat 15
Vella 1	Vella 3
Sammut 12	Sammut 15
Galea —	Galea 3
Attard 1	Attard 2
Zammit 6	Zammit 8
Grech 3	Grech 2
Zarb 4	Zarb 2

1948	1981
Borg 33	Borg 65
Camilleri 25	Camilleri 47
Micallef 23	Micallef 36
Muscat 24	Muscat 35
Vella 11	Vella 27
Sammut 23	Sammut 26
Galea 11	Galea 25
Attard 8	Attard 24
Zammit 11	Zammit 23
Grech 12	Grech 22
Zarb 17	Zarb 10

Referenzi:

1. Dimech Ġ. - HAL BALZAN nru. 63.
2. Status Animarum — Uff. Parr. Balzan.
3. Reġistru Elettorali.
4. Status Animarum — Uff. Parr. Balzan.
5. Reġistru Elettorali 1981.


TURA
FILMS
TURA
DEDICATED TO
PROGRESS
TURA

PROFILI BALZANIN *MINN GUIDO BORG*

MIKIEL MICALLEF

MIKIEL MICALLEF, MAGHRUF AHJAR BHALA L-"BOQBOQ" TWIELED HAL BALZAN, FID-19 TA' LULJU 1901, MINN VALENTINO U MARJANNA NEE' EBEJER. MIKIEL KIEN L-IŻGHAR FOST TLET AHWA. HUMA KIENU JGHIXU FID-DAR NRU. 1, SQAQ 3, TRIQ IT-TLIET KNEJJES, HAL BALZAN

Huwa tgħallem fl-iskola tal-Gvern ta' Ħal Lija u aktar tard għamel l-eżami għad-Dockyard, pero mar jaħdem mad-ditta ta' l-għamara 'Delia'. Ma' din id-ditta jidher li Mikiel ħadem sewwa tant li baqa' hemm għal bosta u bosta snin sakemm saħħtu ma ħallitux ikompli jaħdem. Ta' min isemmi li huwa kien magħruf ħafna għax-xogħol ta' skultura fl-injam.



Is-Sur Mikiel Micallef flimkien ma' ħutu Katarin u Marija

Bħala Balzani, Mikiel kien mitfugħ b'ruħu u ġismu għall-knisja u għall-Każin tal-Banda San Gabriel. Kien iħobb ħafna jgħin lill-Mikiel is-Sagristan iżejjen, jarma u jżarma l-knisja fil-festa tal-Lunzjata.

Frott tax-xogħol ta' Mikiel Micallef, f'Ħal Balzan għandna l-ħames ventartali ta' l-injam tal-festa, ħadem ukoll il-gwarniċi tal-ventartali ta' l-artali kollha tal-korsija kif ukoll is-sopraporta. L-aħħar xogħol tiegħu fl-injam kien il-konfessonarju ta' taħt il-pulptu, xogħol tassew sabiħ.

Mikiel kien ukoll prokuratur tal-fratellanza tas-SSmu. Sagrament. Bla dubju ta' xejn l-akbar biċċa xogħol tiegħu kienet meta fl-1948 indaħal biex itella' l-qanpiena l-kbira fil-kampnar flimkien ma' nies oħra.

Mikiel kien ukoll kaxxier fil-Każin tal-banda San Gabriel fejn kien attiv ħafna l-aktar fit-tiżjin tat-toroq. Hawnhekk huwa ħadem it-trofej, flimkien ma' oħrajn, kif ukoll il-pedestall l-għoli ta' l-istatwa ta' Ġuditta.

Mikiel Micallef miet fis-16 ta' Jannar 1971, fl-eta' ta' 69 sena.

ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Naħseb li intom, bħali, għandkom ħafna ħbieb. Għandna ħbieb l-iskola, għandna ħbieb fl-għaqdiet tad-duttrina fejn immorru kull fil-għaxija, għandna ħbieb li joqogħdu fl-istess triq tagħna. Ħbieb kullimkien, li naqsmu magħhom ħajjitna: ix-xogħol u r-rikrejazzjoni tagħna, ħsibijietna u l-problemi tagħna. Il-ħbieb huma meħtiġin ħafna fil-ħajja tagħna għax, kif igħid tajjeb poeta Ingliż, "l-ebda bniedem mhu gżira".

"Ħabib tajjeb teżor", tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa, u qawl Malti jgħidilna li "Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq". Dan ifisser li ħabib, li meta tiġi bżonnu ssibu, jiswa ħafna aktar mill-flus għax, kif igħidilna proverbju ieħor fi lsienna: "Il-ħabib dak li jaqbeż għalik".

Iżda daqs kemm hija ħaġa tajba u sabiħa li wieħed ikollu ħbieb tajba, daqs hekk ieħor hija ħaġa kerha li wieħed jagħmilha ma' kumpanija ħażina. Ħabib ħażin — u allura f'dan il-każ ma jkun ħabib xejn! — jirrovinalek ħajtek u jħassarlek id-drawwiet tajba tiegħek. Naf bi tfal, li b'xorti ħażina qabdu kumpanija ħażina u mbagħad indunaw bl-iżball tagħhom meta kien forsi tard wisq.

Tfal, ħa jkollkom ħafna ħbieb, iżda dejjem oqogħdu attenti xi ħbieb ikollkom. Anke meta tkun sibt ħabib tajjeb, tafdax miegħu s-sigrieti tiegħek kif ġieb u laħaq. Hwejjeġ familjari u dak li jiġri fid-dar għandhom jibqgħu privati u qatt ma għandhom isiru jafu bihom ħbiebek. Kunfidenzi qatt tagħtu, u lil ħbiebkom tistednuhomx spiss f'darkom u intom ukoll la tmorrux ta' sikwit għandhom. Proverbju Malti ieħor iwissina: "Il-ħbieb sal-bieb". Il-kunfidenzi qatt m'għamlu nies.

Għalhekk, tfal għeżież, fittxu li jkollkom ħbieb veri u bil-għaqal, u fl-istess ħin la tinsewx li l-aqwa u l-veru ħabib tagħna — dak li żgur ma jittradiniex u li ħalla saħansitra ħajtu għalina — huwa Ġesù.

Is-Sur Valentino Muscat, 22 sena kaxxier tal-Kazin tal-Banda San Gabriel

Is-Sur Valentino Muscat (magħruf aħjar bħala s-surmast) irtira minn kaxxier tal-Każin tal-Banda San Gabriel. Huwa kien ilu jokkupa din il-kariga għal dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena. Is-Sur Muscat kien ġie elett kaxxier fil-Laqgħa Ġenerali ta' l-1961.



Is-Sur Valentino Muscat

Kemm dam fil-kariga tiegħu huwa għamel xogħol ieħor minbarra x-xogħol ta' kaxxier. Fost dawn insibu id-disinn u t-tifsil tal-pavaljuni tat-triq il-kbira u dawk ta' triq Santa Marija, kif ukoll organizza (flimkien mal-Kumitat) il-festi ċinquantenarji tal-Każin.

L-aktar okkażjoni għall-qalbu kienet meta f'okkażjonijiet speċjali organizzati minn dan il-Każin huwa kien iltaqa ma' Sir Anthony Mamo, li dak iż-żmien kien Gvernatur Ġenerali ta' Malta, kif ukoll ma' l-Eċċ. tagħhom in-Nunzji Appostoliċi Mons. Pecoraio u Mons. Del Guidice.

Fil-messaġġ tiegħu lis-soċjetà huwa appella sabiex tibqa' ssaltan il-għaqda li għall-grazzja t'Alla dejjem eżistiet fis-soċjetà mal-medda tas-snin li ilha mwaqqfa. Huwa jemmen li fejn hemm il-għaqda hemm is-saħħa iżda meta l-għaqda tiddgħajjef is-soċjetà tisfaxxa u dan hu ma jixtiequ qatt li jsir, għalhekk nadru lil xulxin fid-difetti tagħna u nippruvaw nifhmu lil xulxin jekk verament irridu l-ġid tas-soċjetà tagħna.

Huwa appella wkoll sabiex kull membru jagħti l-parti tiegħu u jaħdem sabiex is-soċjetà tgħaddi dejjem 'il quddiem. Niftakru x'kien qal il-mejjet President ta' l-Amerika J.F. Kennedy: "tistaqsix x'jista' jagħmel in-nazzjon għalik iżda staqsi x'tista' tagħmel int għan-nazzjon". U għalhekk aħna għandna nsaqsu dan lilna nfusna għax aħna għandna d-dmir li naħdmu fis-soċjetà tagħna.

Persważ li nies bħal dawn jeżistu fil-każin tagħna. Ħafna kienu dawk li taw il-ħidma tagħhom, bla interess ta' xejn, u għenu fix-xogħol li sar fil-każin għax kieku ma hux fl-istat li hu llum. Għalhekk inħeġġigkom biex inkomplu naħdmu sabiex insebbħu aktar il-lokal li fih niltaqgħu qisna familja waħda. Is-Sur Muscat kompla jgħid li huwa jixtieq jirringrazzja l-ewwel nett liż-żewġ membri uffiċjali, kollegi tiegħu, u l-membri l-oħra tal-kumitat ta' l-għajnuna li tawh sabiex seta' jwettaq dak kollu li għamel tul it-tnejn u għoxrin sena ta' ħidma tiegħu. Fl-aħħar nett xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu senza nteressi u għamlu xogħlijiet fil-lokal il-ġdid biex tawh id-dehra li fiha jinsab illum il-ġurnata.

Jien f'isem il-Kumitat, nixtieq lis-Sur Valentino Muscat għomor twil u hieni, waqt li minn qalbna nirringrazzjawh tax-xogħol li għamel f'din is-soċjetà.

Guido Borg
Segretarju Onorarju,
Każin tal-Banda San Gabriel

KOMPETIZZJONI BI PREMJU

TFAL,

Erġajna ġejna magħkom għal kompetizzjoni oħra.

Nisperaw li din id-darba numru akbar ta' tfal jieħdu parti fil-kompetizzjoni li hejjejnielkom għal din il-ħarġa. Osservajna li donnkom tliftu xi ftit mill-ħeġġa li kellkom għall-kompetizzjonijiet ta' l-imgħoddi. Dan mhux sewwa. Għandkom tieħdu aktar interess f'dawk l-affarijiet li nippreparaw għalikom. Kuraġġ mela u uru ħilitkom.

Niġu issa għall-kompetizzjoni li lestjnielkom. Kull ma tridu tagħmlu hu li tirranġaw l-ittri mqallba u tiffurmaw isem. Għandkom sitt ismijiet b'kollox, l-ewwel tlieta huma ismijiet ta' rġiel u l-aħħar tlieta huma ismijiet ta' nisa. Kollha fihom seba' ittri.

L-ittri mqallba huma dawn:
1. K A I C U F D, 2. U U I D K N M, 3. N T U E L A V.
4. S R D L E O O, 5. A U L T Z J N, 6. L I A N W A P.

Bħas-soltu ibgħatu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Żmien għandkom sal-25 ta' Frar.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni huma:
1. Salvatore Pappalardo,
2. Fuq il-fosos tal-Furjana,
3. Quddiem il-Knisja ta' Pinu,
4. Mitt sena,
5. Lill-Madonna ta' Pinu (Tlugħ is-sema).

Ir-rebbieħa ta' din il-Kompetizzjoni hi INGRID ZAHRA li toqgħod 14, Dr. Zammit Street, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Ħinijiet tax-xogħol:
Mit18.30 a.m. sa nofs in-nhar u
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.